IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 3 ta' Frar, 2026

Rikors numru: BCT/93/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Anthony Caruana

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar mid-decizjoni datata 21 t'Ottubru, 2025 permezz ta' liema l-Awtorita` intimata imponiet fuq l-appellanti il-multa amministrattiva ta' hames mitt euro (€500) u dana peress illi fil-21 t'Ottubru, 2025 instab ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 Nuqqas ta' barrikati, Xtiebi mhux imsakkra meta m'hemm hadd fis-sit, Nuqqas ta' xtiebi u/jew xtiebi mhux imsakkra b'access miftuh ghall-pubbliku inkluz tfal.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi qed jkun anness l-Affidavit u d-dokumenti relattivi mmarkati bhala Dok BCA1 fejn jidher car li l-Awtorita` kellha ragun meta imponiet il-penali.*
3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra l- affidavit ta' David Vassallo u sema' x-xhieda tal-appellanti waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar, 2026 meta l-appell gie differit ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra

Illi dan l-appell jikkoncerna penali amministrattiva ta' hames mitt euro (€500) li giet imposta mill-Awtorita`appellata fuq l-appellanti in vista ta' allegat ksur tal-Legislazzjoni Sussidarja 623.08, konsistenti minn Nuqqas ta' barrikati, Xtiebi mhux imsakkra meta m'hemm hadd fis-sit, Nuqqas ta' xtiebi u/jew xtiebi mhux imsakkra b'access miftuh ghall-pubbliku inkluz tfal, dana referibilment ghad-data tal-21 t'Ottubru, 2025 dana kif indikat fid-decizjoni li ggib l-istess data.

Illi t-Tribunal ra li l-penali giet imposta abbazi tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 fejn ir-regolament numerat 6(c) tat-Tieni Skeda li jipprovdi testwalment:

> *ftuħ għal aċċess fil-barrikati għandhom jinżammu magħluqa f'kull ħin b'xatbiet u magħluqa u msakkra b'xatbiet meta ma jkun hemm ħadd fuq is-sit, u għandhom jibqgħu jinżammu fil-post sat-tmiem tax-xogħlijiet għas-sodisfazzjon tal-Awtorità. Dawn ix-xatbiet għandhom ikunu ddiżinjati b'mod li jipprevjenu l-aċċess pubbliku, speċjalment għat-tfal.*

Illi permezz tal-appell tieghu, l-appellanti jikkontendi li fid-data msemmija "*I was present on site, specifically upstairs assisting my workers with clearing up operations. Later that same day, the site was secured and locked.*" Permezz tax-xhieda tieghu, l-istess appellanti jghid:

dakinhar li ġie l-uffiċċjal fuq is-sit, aħna konna preżenti hemmhekk u konna fuq nett fis-07:30. Jien dakinhar pero' ma kellimt lil ħadd, hu beda jċempilli u meta jien rrispondejtu aktar tard fil-11:00 infurmajtu li jien kont fuq il-post x'ħin kien ġie hu. Ngħid illi dakinhar aħna konna bdejna xogħol fis-07:00 fejn jien kont qiegħed fuq infiehem lil ħaddiem il-kontrabejt kif irid isir.
Jidhirli li d-data kienet fil-21 ta' Ottubru. Jien l-ewwel li qbadt it-telefonata kienet fil-11:00 għax dak il-ħin l-ewwel li smajtu. Pero' ma nistax ngħid jekk kienx hemm telefonati qabel.
Ngħid illi x'ħin konna għaddejjin bix-xogħol ma nafx ix-xatba kienitx magħluqa jew miftuħa, ngħid biss li kien hemm xogħol għaddej, telgħin u nieżlin.

Min-naha tieghu, l-ufficjal tal-Awtorita` David Vassallo, permezz tal-affidavit tieghu, ezebixxa trail of events li tindika, fid-data tal-21 t'Ottubru, 2025,:

Inspection done at 7.35, where door into site was found open, with school children passing on foot in the vicinity (A school is approx. 300/500 metres from site). Immediately inside the entrance there is a drop/pit, which in my opinion constitutes a real danger should any unauthorised person enter the site. See doc A. Called SM several times with no response. I was advised to issue a penalty by my superiors.

Id-doc A huwa sett ta' tlett ritratti li juru l-access ghas-sit miftuh b'materjal ta' kostruzzjoni u wkoll b'hofra mdaqqsa f'nofs is-sit hekk kif tidhol ghalih.

Illi ghat-Tribunal dan jikkonferma dak li stqarr l-ufficjal tal-Awtorita` li, fid-data msemmija, acceda fuq il-post u sab is-sit miftuh, minghajr nies fih, b'riskju car ghal kull min seta' jidhol fis-sit, inkluzi tfal. Ir-ritratti jixhdu li mhux biss is-sit kien miftuh imma wkoll li fih ma kienx hemm nies u lanqas ma jidher haddiema jahdmu.

Illi ghalkemm l-appellanti stqarr li huwa kien prezenti ma' haddiema fuq is-sit, ir-ritratti mehudin mill-ufficjal dakinhar jixhdu mod iehor. Fil-fatt ir-ritratti ezebiti juru li mhux biss is-sit kien miftuh imma lanqas biss tidher li giet stallata xatba li, skont il-ligi, kellha tkun maghluqa f'kull hin u, fi kwalunkwe kaz, msakkra meta ma jkun hemm hadd fuq is-sit. Jidher fil-fatt is-sit miftuh ghal kull min jista' jidhol fih minghajr ebda sorveljanza u b'riskju car, b'mod partikulari u kif tghid il-ligi stess, ghat-tfal. Lanqas m'hija skuzanti l-allegazzjoni li l-

appellanti kien jinsab fuq ma' xi haddiema "*telghin u nezlin*". Dak li trid il-ligi huwa li jkun hemm barrikati li *"jinżammu magħluqa f'kull ħin b'xatbiet"*. Dawn ghandhom ikunu *"magħluqa u msakkra b'xatbiet meta ma jkun hemm ħadd fuq is-sit"*. F'dan il-kaz, ir-ritratti ezebiti u l-fatt wahdu li l-ufficjal seta' jaccedi fuq is-sit minghajr ebda resistenza, interruzzjoni u minghajr ma jinnota persuni, jikxef li s-sit ma kienx maghluq b'xatbiet – kif mehtieg mil-ligi f'kull hin. Jirrizulta wkoll li l-ufficjal ma rax u ma kellimx haddiema fuq is-sit fejn allura jirrizulta wkoll li s-sit thalla wahdu, miftuh minghajr xtiebi u mhux imsakkar.

Ghamel tajjeb ukoll l-ufficjal li rraporta li, fil-vicinanzi tas-sit hemm skola u li tfal ghaddejjin minn hdejn is-sit miftuh, ghaliex certament dan huwa fattur li jkompli jikxef il-gravita` tan-nuqqas ravvizat. Wiehed ghandu jzid ma' dan li, kif ammess mill-istess appellanti, huwa wiegeb it-telefon biss fil-hdax ta' filghodu meta l-ufficjal kien gja` dahal fis-sit, ma ra lil hadd u rrapporta.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jichad l-appell u kwindi jikkonferma d-decizjoni datata 21 t'Ottubru, 2025.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru